# Tletin sena mill-mewt ta' Mabel Strickland

**Sergio Grech, l-editur tal-ktieb Mabel Strickland Bejn Storja u Miti, ifakkar it-tletin anniversarju mill-mewt ta' Mabel u jirrifletti dwar il-personalità tagħha u kif il-miżien tal-indifferenza xaqleb kontra tagħha**

Bħal-lum tletin sena ilu mietet Mabel Strickland (1899-1988), bint il-Prim Ministru Lord Gerald Strickland u kolonna fil-kamp ġurnalistiku Malti. Sa ċertu punt, l-istorja ta' Mabel Strickland kienet waħda traġika.

Minbarra t-*Times* u l-impatt politiku li ħalla missierha Lord Gerald Strickland, il-kumplament ma kienx ta' success wisq, anki jekk kien hemm xi drabi, tgħoddhom fuq il-pala tal-id, meta ġiet eletta minn numru żgħir ta' kostitwenti biex tirrappreżentahom.

Ironikament, anki l-memorja kollettiva dwarha kważi hi ineżistenti. Il-ħruq tat-*Times* fissebgħinijiet kien wassal biex il-librerija vasta li kellha l-Progress Press sfaxxat, u fi kliem Charles Grech Orr, "ma salvajna xejn millibrerija".

Imma jekk wieħed jidħol filfond jintebaħ li għad ma hemmx bijografija sħiħa tagħha li tipprova tidħol fid-dettall dwarha. Joan Alexander (Lady Carnwath) kienet ippubblikat bijografija ta' Mabel fl-1996, imma li spiċċat biex ingabret mil-libreriji u l-ħwienet tal-kotba wara li l-Perit Duminku Mintoff fl-2002 oġġezzjona għal xi rimarki li għaddiet dwaru l-awtriċi. Il-volum *Mabel Strickland Bejn Storja u Miti* mela xi ftit minn dan il-vojt.

Minnu wkoll li Mabel għamlet l-almu tagħha biex tikkontrolla x'jinkiteb u x'jinħareġ dwar missierha. Żewġ volumi dwaru joħorġu biss fl-aħħar fażi ta' ħajjitha, fl-1984 u fl-1986.

Adrianus Koster kien ġie f'idejh manuskritt tal-1956, miktub minn Harrison Smith dwar missierha. Irrevedieh u ppubblikah l-ewwel darba fl-Olanda mad-dar tal-kotba Scholars' Edition, fl-1983.

Il-*Where's Everybody*, kumpanija lokali tax-xandir li fost l-oħrajn ittella' fuq l-istazzjon nazzjonali *Xarabank*, kienet tellgħet dokumentarju ta' inqas minn siegħa mis-sensiela *Bijografiji* miktub minn Norman Vella, li ntwera fuq *TVM*.

Id-dokumentarju, sakemm dħalna fl-istampa kien għadu aċċessibbli fuq il-*Youtube*.

Fil-programm intervjenew fost l-oħrajn nies li kienu jafuha millqrib, qraba, ħaddiema u sostenituri tagħha u akkademiċi. It-tajjeb talprogramm kien li rreġistra xxhieda ta' min kien jafha mill-qrib.

Id-dokumentarju aktarx jippreżenta l-mit ta' Mabel iktar milli l-analiżi. Imma bla dubju fih validità wkoll għall-istorja ta' Mabel.

Fuq il-*Youtube* qed jidher ukoll filmat ta' kważi minuta mill-Arkivji tal-AP tal-1972, fejn Mabel tidher tindirizza l-istampa b'attakk feroċi kontra l-Prim Ministru Mintoff.

Għal ħafna snin, anki għax iddokumenti kienu msakkra, wieħed mill-ftit sorsi dwar Mabel kien biss Herbert Ganado, fejn hu kien qed jikteb fl-ewwel persuna u kien qed jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu diretti dwarha. Għaliex Ganado, wara li nfired/tkeċċa minn Borg Olivier, waqqaf partit tiegħu u bħalha sab ruħu fil-Parlament fl-1962. Imma huma kellhom żewġ għedewwa komuni: Mintoff.

Imma anki Borg Olivier, għaliex l-Indipendenza t-tnejn li huma għal raġunijiet differenti ma riduhiex, almenu f'dak il-waqt.

Mabel ukoll kienet temmen li l-PN kienu fjakki fil-ġlieda kontra Mintoff. U dan, skont Victor Griffiths, wassalhom – lil Herbert u lil Mabel – biex ikunu ħbieb u alleati politiċi.

Griffiths ftakar okkażjoni li għaliha hu kien preżenti u Strickland introduċiet lil Ganado bħala "the next Prime Minister of Malta".

Mabel kienet tgħix il-ħajja rjali, bis-servitù, l-assistenta personali u x-xufier f'Villa Parisio, Ħal Lija, villa li kienet tmur lura għas-seklu 18 li hi xtratha fis-snin erbgħin tas-seklu 20. Mabel mietet f'dan il-post fl-1988. Skont Connie Baldacchino, Mabel qattgħet l-aħħar snin ta' ħajjitha fil-villa taqra l-gazzetti u l-poeżiji u fuq kollox fis-solitudni. Kważi ħadd ma kien imur jaraha.

Anthony Montanaro insista li "Mabel Strickland kienet bniedma li fil ħlief politika ma titkellimx. Ma kienx hemm passatempi. Kienet il-ħin kollu tiddiskuti l-bżonnijiet ta' Malta, x'għandhom ikunu, fejn għandha tħares Malta, kif għandha timxi, sa fejn tista' tasal fl-iżvilupp kostituzzjonali wkoll."

U għal dak li emmnet fih kien hemm atti ta' vjolenza fil-konfront tagħha personali. Pereżempju fil-15 ta' Jannar 1956, Mabel kienet qalgħet daqqa ta' ponn mingħand Ċikku Cioffi waqt li kienet tielgħa fuq it-trakk biex tindirizza lillmiġemgħa preżenti f'Tignè Wharf, meta xi partitarji Laburisti, skont Edward Attard, ippruvaw jisfrattaw *meeting* tal-PKP, "billi tefgħu l-ġebel lejn il-folla".

Kienet mara benevolenti. Ta' madwarha baqgħu jiftakru l-karità li kienet tagħmel mal-istaff tagħha u l-familjari tagħhom u ma' nies fil-bżonn. Anton Cassar, fi programm li jien kont għamilt għal *Campus FM* dwar Gerald u Mabel Strickland, kien semma l-fatt li kien hemm xi ħaddiema tal-istamperija tagħha li mardu b'sidirhom minħabba l-magni tal-istampar u hi bagħtithom l-Iżvizzera għallkura. Għalkemm Pawlu Carachi, li beda l-mixja ġurnalistika magħha, sostna wkoll li kien kollu minnu li Mabel kienet qalbha tajba, imma kien hemm tendenza li lill-istaff tagħha kienet "tibbossjahom u anki tindaħlilhom fil-ħajja privata tagħhom". Kienet tħobb torganizza l-festini, l-ikliet u tejiet, u l-kbarat Ingliżi kienu deħlin u ħerġin għandha.



Mabel Strickland meta kien għad kellha xi 18-il sena. (Mill-ktieb 'Mabel Strickland – Bejn Storja u Miti, pubblikazzjoni Horizons 2018)

Donnha kienet tgħix ċerta illużjoni li Malta ta' wara l-Gwerra kienet għadha Malta ta' żmien missierha. Eddie Fenech Adami irrimarka li Mabel kienet tagħmel il-*meetings*, ma kien ikun hemm ħadd u kienet iġġib ruħha qisha hemm folol kbar. Il-mara, sattmiem ma tintebaħx li hi "politikament ma ssarrafx". Eżempju ta' din l-illużjoni kien meta lejlet il-Milied tal-1959 hi pprotestat mal-BBC għaliex George Wilkinson kien irrimarka li f'Malta "*no other Maltese Leader had anything like the following of Mintoff.*"

Imbagħad kien hemm lati oħrajn u kurjużi ta' Mabel. Hija sa kienet trabbi t-tiġieġ u l-fniek u sa darba minnhom ta' madwarha jgħidu li għax mitulha l-fniek kienet talbet awtopsja u bagħtithom l-Ingilterra.

Meta kienet l-Awstralja, fejn missierha kien gvernatur ta' diversi stati, kienet tirkeb iż-żiemel. Delizzju li kellu anki Mintoff.

Ir-reliġjon kienet importanti għaliha. Kienet baqgħet ossessjonata sal-aħħar jekk missierha minħabba l-ġlieda mal-Knisja tas-snin tletin kienx mar l-infern jew le. U skont Heidi Bartolo, li qattgħet 20 sena segretarja tagħha, l-Arċisqof Gonzi kien iserrħilha rasha li ma kienx il-każ.

Mabel kienet bint Prim Ministru u diversi osservaw li Mabel kienet it-tifel li Lord Gerald Strickland qatt ma kellu. Kienu twieldulu żewġ subien (Reginald u Walter) miż-żwieġ ma' Lady Edeline, imma t-tnejn mietu ftit wara li twieldu.

Lil missierha bla dubju, hi kienet tadurah. Bħal missierha jingħad li kellha rasha iebsa. Missierha ma kienx mill-ħelwin. Skont Victor Griffiths, Professur tal-Anatomija u wieħed mill-aħħar Striklandjani ta' Malta, Gerald Strickland, li missieru kien Kaptan Navali Ingliż, "kien demonju ... Ara ma tmurx iddendel kusek miegħu ...għax ifarrkek."

Imma jingħad ukoll li Mabel, kuntrarju għal missierha, kienet kapaċi taħfer u tinsa. Il-każ Mikiel Gonzi juri dan bl-iktar mod ċar.

Kif indunat jew aħjar ħasset li Duminku Mintoff se jkun l-għadu jew ta' theddida għal Malta, Gonzi nbidel f'alleat minkejja li l-istess Gonzi flimkien mal-Isqof Mauro Caruana kien umilja lil missierha bil-pastorali tal-1 ta' Mejju 1930, magħrufa għall-impożizzjoni taddnub il-mejjet għal min jivvota lilu jew lill-alleati tiegħu.

Kienet mara li darba li tħaddan kawża kienet tidħlilha bir-ras, tant li Griffiths kien iddiskrivieha "mara-raġel". Bla dubju, ma kienx hemm wisq femminilità f'Mabel.

Mhux darba jew tnejn qalitha li hi ma saritx Prim Ministru għax kienet mara. Kienet tgħidilhom li tort ta' sidirha ma saritx Prim Ministru. Kienet qed tħaddem, forsi bla ma taf, metafora dwar il-politika Maltija – li dik territorju maskili.

Id-dħul ta' Mintoff fil-politika Maltija kien qajjem mill-ġdid l-aspirazzjonijiet politiċi ta' Mabel li wara t-Tieni Gwerra, wara r-rebħa fuq il-Faxxiżmu u n-Naziżmu, donnu ma kienx għad fadlilha skop għal xiex timmilita.

Skont Guido de Marco, lil Mintoff riditu magħha fil-partit. Imma għamlet l-iżball li bbażat il-politika kollha tagħha kontra Mintoff mingħajr ma kellha l-ebda alternattiva x'toffri.

Bħal missierha, hija kienet imperjalista mill-kbar u lir-Reġina Eliżabetta II sa kienet tibagħtilha l-laring ta' Malta kull Milied.

Il-Kuruna kienet tipproteġi lil Malta u lill-Knisja tagħha. Wara kollox, oriġinarjament kienet hi li ħarġet bl-idea tal-Integrazzjoni ta' Malta mar-Renju Unit u wara ħadha Mintoff u għamilha tiegħu.

Bl-Indipendenza, għal Mabel, kien se jisfaxxa kollox. Dan barra l-periklu li Mintoff fil-gvern, filfehma tagħha, seta' jfisser.

Ngħiduha, kien hemm kolonji Ingliżi li għamlu orġja sħiħa millindipendenza tagħhom, u dak iżżmien kien hawn biża' ġenwin li Malta ssir Kuba fil-Mediterran.

Dak li ressaqha lejn Herbert Ganado u Toni Pellegrini.

It-*Times* kienet indubjament l-ikbar kontribut ta' Mabel. Milledifiċju ta' 341, Triq San Pawl, il-Belt, Mabel bniet imperu ġurnalistiku. It-*Times* kienet bdietha ma' missierha fl-1935.

Mabel kellha wkoll *Il-Berqa*, li kellha ċerta saħħa fil-qasam talġurnaliżmu bil-Malti. Hi ġabret magħha fost l-aqwa tal-ġurnalisti ta' dak il-ħabta. Minn dak il-boton kien twieled *L-Orizzont* iktar wara fi ħdan il-General Workers' Union.

*Il-Berqa* kienet anki tagħti spazju lil-letteratura Maltija u magħha ġew impjegati figuri letterarji bħall-poeta tan-nirien Karmenu Vassallo, Nikol Biancardi u d-drammaturgu Ġużè Diacono.

X'għandu jkun il-verdett talistoriċi dwar Mabel? Eddie Fenech Adami kien sostna miegħi li "Mabel kienet *offshoot* ta' żminijiet oħra ...il-ħsibijiet politiċi tagħha kienu sorpossati ...Mabel għexet illużjoni kbira. Kellha *hangover* miż-żminijiet ta' missierha mal-politika ta' missierha ...kienet dominanti fil-pajjiż u *she never grew out of it*..."

"Kienet mara ta' kuraġġ. Baqgħet tipprova sal-aħħar."